MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 34/2001/1

**Avukat Michael Tanti Dougall f'ismu proprju u bhala mandatorju tal-assenti Antonia Dougall skond l-annessa prokura mmarkata Dok A.**

**vs**

**Maria Borg u b'digriet tad-29 ta' Jannar, 2002 l-isem 'Maria Borg' gie sostitwit bl-ismijiet Emanuela, Doris u Tarcisio ahwa Borg**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-kontendenti hija l-propjetarja tal-fond 64, Triq Santu Wistin, Zejtun, li huwa mikri lill-intimata Maria Borg bil-kera ta' sitt liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm6.25) kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi l-kera attwali tal-fond huwa baxx u jimmerita awment.

Ghaldaqstant l-esponent pro et noe jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu jawmenta u jiffissa l-kera xieraq tal-fond fuq citat ghal dik is-somma li jistabilixxi l-Bord bhala kera gusta.

Ra li t-talba giet kontestata.

Ra d-digriet tieghu tad-29 ta' Jannar, 2002.

Ra d-digriet tieghu tat-13 ta' Marzu, 2002 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li l-partijiet irremettu ruhhom ghalija.

Billi mir-relazzjoni tal-periti jirrizulta lil-kera xieraq tal-fond hu ta' Lm25 fis-sena jiffissa l-kera xieraq fl-ammont ta' Lm25 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem (il-kera qed jibqa' l-istess) bil-kundizzjoni li x-xoghol ta' manutensjoni nterna ordinarja jkun a karigu tal-kerrej u xoghol iehor ikun a karigu tas-sid. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------